**Qorti tal-Appell Kriminali**

**Onor. Imħallef Dr. Edwina Grima LL.D.**

**Appell Nru: 461/2013**

**Il-Pulizija**

**Vs**

**Frankie Pace**

Illum, 23 ta' Frar 2024

Il-Qorti,

Rat l-imputazzjonijiet dedotti kontra l-appellant, Frankie Pace, detentur tal-karta tal-identita' Maltija bin-numru 319679(M), akkużat quddiem il-Qorti tal-Maġistrati (Malta) talli f'dawn il-Gżejjer, nhar it-30 ta` Awwissu 2013 u matul il-ġimgħat ta' qabel din id-data, ġewwa l-Faċilita` Korrettiva ta' Kordin, Paola:

> 1. Kellu fil-pussess tiegħu d-droga eroina speċifikata fl-ewwel skeda tal-Ordinanza dwar il-Mediċini Perikolużi, Kap. 101 tal-Liġijiet ta' Malta, meta ma kienx fil-pussess ta' awtoriżżazzjoni għall-importazzjoni jew għall-esportazzjoni maħruġ mit-Tabib Prinċipali tal-Gvern skont id-dispożizzjonijiet tar-4 u s-6 Taqsima tal-Ordinanza u meta ma kienx bil-liċenzja jew xort'oħra awtoriżżat li jimmanifattura, jew li jforni d-droga msemmija u meta ma kienx b'xi mod ieħor bil-liċenzja mill-President ta' Malta li jkollu d-droga msemmija fil-pussess tiegħu u naqas li jipprova li d-droga msemmija ġiet fornuta lilu għall-użu tiegħu skont ir-riċetta kif provdut fir-regolamenti msemmija u dan bi ksur tar-regoli tal-1939 dwar il-Kontroll Intern tad-Drogi Perikolużi (GN 292/1939), kif sussegwentement emendati u bi ksur tal-Ordinanza dwar il-Mediċini Perikolużi, Kap. 101 tal-Liġijiet ta' Malta;

2. Ittenta jagħmel reat kontra din l-Ordinanza, jew ħajjar jew ġiegħel persuna oħra tagħmel dak ir-reat ai termini tal-Artikolu 22(5) tal-Kap. 101 tal-Liġijiet ta' Malta;

3. U aktar talli bħala persuna li mhux impjegata fil-Faċilita` Korrettiva ta' Kordin, mingħajr l-awtorita` leġittima, daħħal jew ipprova jdaħħal f'xi parti tal-konfini ta' ħabs xi oġġett, ikun li jkun, li huma pprojbiti skont xi regolamenti magħmula skont dan l-Att, jew ġarr jew ipprova jġorr xi oġġett bħal dawk barra minn xi ħabs, u dan bi ksur tal-Artikolu 7(1) tal-Kap. 260 tal-Liġijiet ta' Malta;

4. U aktar talli rrenda ruħu reċidiv b'diversi sentenzi mogħtija mill-Qrati ta' Malta, liema sentenzi saru definittivi u ma jistgħux jiġu mibdula.

Rat is-sentenza tal-Qorti tal-Maġistrati (Malta) bħala Qorti ta' Ġudikatura Kriminali tal-5 ta' Mejju 2023, fejn il-Qorti, wara li rat it-Taqsimiet IV u VI, l-Artikoli 22(1)(a) u 22(2)(b)(ii) tal-Kapitolu 101 tal-Liġijiet ta' Malta, ir-Regolament 9 tal-Leġislazzjoni Sussidjarja 101.02, l-Artikoli 7(1) u (2) tal-Kap. 260 tal-Liġijiet ta' Malta u l-Artikoli 17(h), 33A, 42(b) u 43 tal-Kodiċi Kriminali, sabet lill-imputat Frankie Pace mhux ħati tat-tieni u tar-raba' imputazzjonijiet miġjuba kontra tiegħu u illiberatu minnhom, fil-waqt illi sabitu ħati tal-ewwel u tat-tielet imputazzjonijiet u kkundanatu għall-piena ta' ħmistax-il (15) xahar priġunerija effettiva, mil-liema għandu jitnaqqas iż-żmien illi huwa nżamm taħt arrest preventiv biss in konnessjoni mal-każ odjern (jekk dan kien il-każ). *In oltre*, ai termini tal-Artikolu 533 tal-Kodiċi Kriminali kkundanat lill-ħati għall-ħlas ta' nofs l-ispejjeż konnessi mal-ħatra tal-esperti maħtura fil-mori tal-proċess verbal tal-inkjesta u ċioe` nofs l-ispejjeż konnessi mar-relazzjoni tal-espert ix-Xjenzat Godwin Sammut ammontanti għas-somma ta' erbgħa u tmenin ewro u sitta u disgħin ċenteżmu (€84.96) u nofs l-ispejjeż konnessi mar-relazzjoni konġunta tas-Scene of Crime Officers PS 46 Charlot Casha u PS 1184 Patrick Grech, ammontanti għas-somma ta' tmienja u għoxrin ewro u wieħed u tmenin ċenteżmu (€28.81), liema spejjeż jammontaw b'kollox għas-somma ta' mija u tlettax-il ewro u sebgħa u sebgħin ċenteżmu (€113.77) u għandhom jitħallsu millħati fi żmien sitt (6) xhur mil-lum. Il-Qorti nnutat illi minkejja li fil-mori tal-inkestja ġie maħtur ukoll Vincent Ciliberti bħala espert, huwa baqa' ma ġiex imħarrek sabiex jippreżenta r-relazzjoni tiegħu f'dawn il-proċeduri. Illi, l-Ewwel Qorti ordnat id-distruzzjoni tad-droga u l-oġġetti relatati mad-droga esebiti f'dawn il-proċeduri, hekk kif din is-sentenza tgħaddi in ġudikat u dan taħt il-ħarsien tar-Reġistratur li għandu jirrediġi proċess verbal li jiddokumenta l-

proċedura tad-distruzzjoni, liema dokument għandu jiġi nserit fl-atti ta' din il-kawża mhux aktar tard minn ħmistax-il jum minn tali distruzzjoni.

Rat ir-rikors tal-appellant, ippreżentat fit-23 ta' Mejju 2023, fejn talab lil din l-Qorti sabiex tirriforma s-sentenza appellata billi filwaqt illi tikkonfermaha f'dik il-parti fejn ma sabitux ħati tat-tieni u tar-raba' imputazzjonijiet, tħassarha u tirrevokaha in kwantu fejn sabitu ħati tal-ewwel u tat-tielet imputazzjonijiet u għar-raġunijiet suesposti, tilliberah minn kull imputazzjoni, ħtija u piena jew alternattivament tħassarha u tirrevokaha fil-parti tal-piena billi tiġi mposta piena aktar ġusta u ekwa għall-każ odjern.

Rat ir-risposta tal-Avukat Ġenerali datata 24 ta' Lulju 2023.

Rat l-atti u d-dokumenti kollha.

Rat il-fedina penali aġġornata tal-appellant esebita mill-Prosekuzzjoni fuq ordni tal-Qorti.

Semgħet trattazzjoni.

**Ikkunsidrat:**

Illi, l-appellant iressaq aggravju uniku fejn jilmenta li l-provi prodotti quddiem l-Ewwel Qorti ma jissodisfawx l-elementi tar-reati lilu addebitati. Huwa jisħaq li s-sejbien ta' ħtija kien msejjes fuq prova waħdanija mressqa mill-Prosekuzzjoni konsistenti fl-istqarrija ġuramentata ta' David Scicluna, li xehed ukoll *viva voce* quddiem l-Ewwel Qorti meta huwa irtira dak kollu li tenna fl-istqarrija ġuramentata tiegħu. Dan kellu jssarraf allura fl-inattendibbilita' u inverosimiljanza ta' dak minnu dikjarat, fejn l-Ewwel Qorti kellha tqiesu bħala xhud mhux kredibbli u allura twarrab il-verzjoni tiegħu tal-fatti.

Illi, tajjeb li jkun imfakkar illi l-Ewwel Qorti qajla titbiegħed mill-apprezzament li jkun ġie magħmul mill-Ewwel Qorti li kellha ix-xorti tisma' u tevalwa l-provi *di visu* sakemm dan l-apprezzament ma jkunx wieħed mhux imsejjes fuq il-liġi u li ma

huwiex ibbażat fuq ir-raġuni. Illi ukoll meta l-provi jkunu jikkonsistu prinċipalment fil-verżjoni ta' xhud waħdieni, il-Qorti xorta waħda tista' tasal sal-grad ta' prova rikjest fi proċedimenti kriminali, jekk dak ix-xhud ikun ġie emnut, u dan peress li f'din l-eventwalita', din ix-xhieda ssir biżżejjed sabiex tagħmel prova sħiħa u kompluta minn kollox, daqslikieku l-fatt ġie ippruvat minn żewġ xhieda jew aktar.

Illi bis-setgħa lilha mogħtija f'dan l-istadju ta' reviżjoni din il-Qorti eżaminat mill-ġdid l-atti tal-kawża u dana sabiex b'hekk tinsab f'posizzjoni aħjar tevalwa jekk l-apprezzament dwar il-provi magħmula mill-Ewwel Qorti kienx wieħed raġjonevolment u legalment validu[1].

Illi, minn eżami tal-atti proċesswali odjerni jirriżulta illi nhar it-30 ta' Awwissu tas-sena 2013, il-Pulizija ġiet infurmata mill-awtoritajiet tal-ħabs li waqt tfittxija li kienet saret fuq ċertu David Scicluna hekk kif dan ta'l-aħħar kien dieħel ġewwa l-Faċilita' Korrettiva ta' Kordin, biex jagħmel xi konsenja għall-*istores* tal-ħabs, kienu nstabu gramma eroina u flixkun li fih kien hemm 500ml *methadone.* Dawn kienu misjuba fil-vettura bin-numru ta' reġistrazzjoni IAK-525 utilizżata minn Scicluna sabiex jikkonsenja xi xogħol ġewwa il-ħabs. David Scicluna ġie sussegwentement arrestat u interrogat mill-Pulizija fejn għadda sabiex jirrilaxxa żewġ stqarrijiet datati 30 ta' Awwissu tas-sena 2013 u 31 t'Awwissu tas-sena 2013 rispettivament. *In oltre*, l-istess Scicluna għażel li jikkonferma bil-ġurament l-istqarrijiet minnu magħmula nhar il-31 ta' Awwissu tas-sena 2013 quddiem il-Maġistrat (illum Imħallef) Consuelo Scerri Herrera fit-termini ta'l-artikolu 30A tal-Kap.101 tal-Liġijiet ta' Malta. In suċċint, David Scicluna kien stqarr li dakinhar li huwa kien arrestat, daħal ġewwa l-ħabs bil-vettura tiegħu fejn saritlu tfittxija mill-uffiċjali tal-ħabs li sabu gramma erojina ġo kaxxa tas-sulfarini li kienet ġol vettura kif ukoll flixkun tal-*Coca-Cola* tal-plastic miz-zgħar li kien fih bejn wieħed u ieħor 200ml *methadone* u romblu *foil*. Scicluna stqarr li d-droga misjuba "**... kienet għal 'fucker'**", u ċioe' l-appellant odjern. Ikompli igħid:

---

[1] Ara fost oħrajn l-Appelli Kriminali Sede Inferjuri fl-ismijiet Pulizija vs Joseph Bonavia ppreseduta mill-imħallef Joe Galea Debono u datata s-6.11.2002; Pulizija vs Antoine Cutajar ippreseduta mill-Imħallef Patrick Vella u deċiża fis-16.3.2001; Pulizija vs Carmel Spiteri ippreseduta mill-Imħallef David Scicluna u deċiża fid-9.11.2011; Ara wkoll Ir-Repubblika ta' Malta vs Martin Dimech deċiża mill-Qorti tal-Appell Sede Superjuri u ppreseduta mill-Imħallfin Joseph Filletti, David Scicluna u Joseph R. Micallef u datata 24.9.2004.

> **"..... xi jumejn ilu meta dħalt bix-xogħol il-'fucker' għamilli proposta biex indaħħallu xi ħaġa billi sabni f'xi ħin waħdi filwaqt li konna qegħdin inħottu l-vann. Hu talabni kampjun ta' l-eroina bejn wieħed u ieħor 0.3 ta' gramma u lbieraħ meta dħalt b'xi xogħol il-ħabs, daħħalt miegħi il-kampjun tal-erojina u waqt li konna qed inħottu x-xogħol ġie l-fucker jgħini nħott u għaddejtlu l-kampjun f'idu baxx baxx. Hu qalli li ħa jċempilli hu minn fuq mobile li għandu ġewwa l-ħabs biex meta jkollu bżonn id-droga indaħħalielu. Jien irrispondejtu billi ma jċempilx bin-numru tal-mobile illi qiegħed il-ħabs għax jekk isibuwulu nibza li jsibu n-numru tiegħi. Hu qalli li jibda jiltaqa miegħi xi ħadd barra, iħallasni u tal-ammont ta' flus li jtini meta jkun imissni biex indaħħal ix-xogħol, indaħallu id-droga eroina. Hu tkellem miegħi li jixtri l-eroina bil-mitt euro il-gramma. Jien aċċettajt dan il-ftehim u qalli biex inġiblu xi ħaġa żgħira għal lum. Jien peress li qalli ġib xi ħaġa żgħira ġibtlu gramma għaliex hekk tinftiehem xi ħaġa żgħira bħala gramma"**.

Huwa kompla jgħid li l-ftehim mal-appellant kien li kellu jċempillu persuna mbagħad huwa jirċievi l-ħlas ta' mitt ewro ta' din il-gramma barra l-edifiċju tal-ħabs. Scicluna kompla jistqarr illi –

> **Hu fil-bidu li qbadna l-kunfidenza kien jgħidli x'ħa ġġibilna tajjeb. Jien kont ngħidlu xi tridni nġiblek tajjeb? Flokk, cake, gallettini? U t-tieni darba li staqsieni qalli le xejn minn dan, mill-kannella ġibli u jien fhimtu mill-ewwel li qiegħed jirreferi għall-eroina. Jien għidtlu 'ma tarax mela ma tafx x'int tgħid!'. Id-drabi ta' wara baqa' jiffitani u jippersisti u jien fl-aħħar aċċettajt u pproponieli dak li semmejtli qabel.**

Illi, ukoll, David Scicluna kien indika lill-appellant minn sett ta' ritratti murija lilu mill-Pulizija bħala il-persuna magħrufa bħala l-"*fucker*" li dwaru xehed fl-istqarrija ġuramentata tiegħu. Fl-aħħarnett, huwa xehed ukoll li d-droga kien xtraha mingħand ċertu Carmelo Sciberras, magħruf bħala '*Charlie il-boxer*' li joqgħod Santa Lucia.

Illi, abbażi ta' din l-evidenza l-appellant ġie mixli l-qorti bir-reati lilu addebitati fil-presenti istanza. Ġara iżda li meta Scicluna inġieb biex jixhed fil-qorti huwa rtira dak kollu li kien qal preċedentement fl-istqarrija ġuramentata tiegħu. Xehed li meta kien irrilaxja l-istqarrijiet huwa kien konfuż ħafna u kien taħt l-effett tal-eroina u li m'għandux idea għalfejn kien semma lill-appellant mal-Pulizija. Huwa jikkonferma li l-appellant huwa magħruf bħala l-"*fucker*" pero' innega li l-istess appellant kien qatt ċempillu sabiex igħaddielu d-droga ġewwa l-ħabs jew li saħansitra qatt tkellmu fuq droga, għalkemm iktar 'il quddiem fix-xiehda tiegħu jammetti illi ġieli tkellem fuq droga mal-appellant "**imma mhux fuq dħul u affarijiet hekk biex indaħħalu u**

**affarijiet hekk**". Jkompli jsostni li l-appellant ma kellu ebda involviment fil-każ *de quo*.

Illi, l-appellant għalhekk iqis illi l-Ewwel Qorti errat meta straħet fuq dak dikjarat mix-xhud Scicluna fl-istqarrija ġuramentata tiegħu. Jisħaq illi meta instabet id-droga fil-vettura tiegħu huwa informa lil gwardjani tal-ħabs li dik kienet tiegħu, u kien biss wara li ġie arrestat li stqarr li kien daħħal din id-droga ġewwa il-Ħabs għall-appellant. Mhux biss, iżda jikkontendi illi din il-prova li l-Ewwel Qorti għoġobha tistrieħ fuqha ma hija kkorroborata minn ebda prova oħra u dan għaliex il-Prosekuzzjoni naqset milli tressaq dik l-evidenza li kienet isaħħaħ il-verżjoni tal-fatti ta' Scicluna, kif mogħtija fl-istqarrijiet tiegħu sussegwentement ikkonfermati bil-ġurament quddiem l-Inkwirenti. Per eżempju, jilmenta mill-fatt illi ma saritx analiżi taċ-ċellulari ta' Scicluna sabiex ikun stabbilit jekk verament kienx għamel kuntatt miegħu l-appellant u jekk hux minnu li dan ikkuntattjah permezz ta' telefon ċellulari li kien fil-pussess tiegħu ġewwa il-ħabs illegalment. Jilmenta ukoll mill-fatt illi l-investigaturi naqsu milli jagħmlu tfittxija ġewwa ċ-ċella tal-appellant sabiex jivverifikaw jekk fil-fatt dan kellux fil-pussess tiegħu d-droga u dan iċ-ċellulari. Kif lanqas saret xi verifika fuq il-priġunieri l-oħra li kienu jaħdmu ġewwa l-*istores* tal-ħabs flimkien mal-appellant biex jkun stabbilit jekk din id-droga setatx kienet intiża għal xi priġunier ieħor u mhux l-appellant. Dan in-nuqqas ta' provi indizzjarji, fil-fehma tal-appellant, idgħajfu l-verżjoni tal-fatti mogħtija minn Scicluna fl-istqarrija ġuramentata tiegħu.

Issa, minn qari tas-sentenza appellata huwa evidenti illi l-Ewwel Qorti eżaminat bir-reqqa dawn ix-xenarji korroborattivi li jindika l-appellant, liema provi ma tressqux mill-Prosekuzzjoni, kif eżaminat ukoll b'reqqa il-prova magħmula permezz tal-kampjuni tal-urina li ttieħdu mill-appellant u li rriżultaw fin-negattiv għal sustanzi illeċiti. Qieset illi din il-*lacuna* fil-provi kkumpilati madanakollu ma xxejjinx ix-xiehda b'saħħitha, konsistenti u dettaljata mogħtija minn David Scicluna meta huwa għażel li jikkollabora mal-pulizija fl-investigazzjonijiet, tant illi kif tajjeb irrimarkat l-Ewwel Qorti saħansitra Scicluna ammetta għall-imputazzjoni ta' traffikar ta' droga meta tressaq bl-arrest il-qorti u dan meta kien debitament assistit minn avukat. Kuntrarjament għad-deposizzjoni tiegħu fil-Qorti l-istqarrijiet kif ġuramentati fihom

dettall dwar il-ftehim li seħħ bejnu u bejn l-appellant, f'hix kien jikkonsisti dak il-ftehim, kif kien ser jitħaddem, min kellu jipprovdielu id-droga u kif kien ser iħallsu, fatti li żgur ma setax jivvinta minn żniedu biex jitfa' l-ħtija fuq l-appellant. Hemm ammissjoni ukoll li Scicluna jagħmel minn jeddu li ġurnata qabel kien daħħal id-droga il-ħabs u għaddieha lill-appellant meta dan il-fatt ma kienx qed jiġi investigat għaliex la il-gwardjani u lanqas il-Pulizija ma qabbduh jagħmel dan. Illi l-Ewwel Qorti irrimarkat kif meta xehed *viva voce* quddiemHa ix-xhud kien tittubanti għall-aħħar u kien qed juri li ma riedx jixhed kontra l-appellant fil-presenza tiegħu. Jammetti iżda li mal-appellant ġieli tkellmu fuq droga għalkemm konvenjentement l-konversazzjoni ma kenitx dwar il-mod kif kellu jissupplixxieh din id-droga waqt li dan kien detenut. Finalment, kuntrarjament ukoll għal dak li jixhed Scicluna fil-qorti li huwa kien konfuż meta ġie interrogat u li kieku xtaq li jieħu parir minn għand avukat qabel tkellem, dak mistqarr minnu fix-xiehda ġuramentata jindika l-oppost:–

> **"Nagħzel li nixhed u nikkopera. Ngħid ukoll li jiena diġà kellimt avukat dwar dan il-kaz.**
>
> **Għadhom kemm ġew moqrija lili z-zewġ stqarrijiet li jien irrilaxxjajt lill-Pulizija mmarkati u esebiti bħala Dok. CSH u CSH 1. Qed nara d-dokumenti CSH 3 u CSH 4 u ngħid li fuq id-dokument SCH 3 hemm il-persuna ta' il fucker li semmejt fix-xhieda tiegħi mmarkat bin-numru 3 u huwa l-persuna li lilha kont ser nagħti d-droga ġewwa l-ħabs. Qed nara d-dokument CSH 4 u fuqu nagħraf l-persuna mmarkata numru 2 bħala l-persuna ta' Charlie l-Boxer mingħand min nixtri d-droga. Dan jien nikkonfermah bħala l-verita'.**
>
> **Jien bħalissa wieqaf mid-droga u għalhekk xtrajt biss għall-fucker. Mistoqsi jekk xtrajtx mingħand persuna oħra ngħid li le. Ngħid li ħadd iktar ma avviċinani sabiex inbiegħ droga fil-ħabs. Jien persuni oħra li jbiegħu l-prodotti fil-ħabs ma nafhomx u għalhekk ma nafx jekk hemmx xi nies oħra li jbiegħu d-droga mal-prodotti tagħhom. Jien il-fucker barra l-ħabs ma kontx nafu."**

Illi, l-artikolu 638(2) tal-Kodiċi Kriminali jipprovdi illi **"x-xiehda ta' xhud biss, jekk emmnut minn min għandu jiġġudika fuq il-fatt, hija biżżejjed biex tagħmel prova sħiħa u kompluta minn kollox, daqs kemm kieku l-fatt ġie ippruvat minn żewġ xhieda jew aktar."** Bl-artikolu 639(3) imbagħad jipprovdi dawk il-kawteli meħtieġa meta dan l-uniku xhud ikun kompliċi fil-kummissjoni tar-reat u dan meta hemm dispost illi, "**il-Qorti għandha tagħti direttiva lill-ġurati biex jiżnu x-xiehda li dak**

**ix-xhud jagħti b'kawtela qabel ma jserrħu fuqha u jaslu biex isibu ħati lill-akkużat"**, b'din il-kawtela tapplika ukoll meta l-każ ikun ser jiġi deċiż mill-ġudikant mingħajr il-ġurija. Din ir-regola ġenerali penali issib riskontru ukoll fil-liġijiet speċjali tad-droga meta hemm l-artikolu 30 tal-Kap.101 jiddisponi:

> **"Meta l-uniku xhud kontra l-akkużat f'xi reat kontra din l-Ordinanza jew kontra l-Ordinanza dwar il-Professjoni Medika u l-Professjonijiet li għandhom x'jaqsmu magħha li jinstema' quddiem il-ġurati jkun persuna kompliċi, il-qorti għandha tagħti direzzjoni lill-ġurija biex jiżnu x-xhieda tax-xhud b'kawtela qabel ma jserrħu fuqu u jaslu biex isibu ħati lill-akkużat."**

Illi mill-konsiderazzjonijiet dettaljati u minnizjużi magħmula mill-Ewwel Qorti ma jidhirx illi ma ttieħdux dawn il-kawteli, tant illi s-sentenza appellata tesplora kull nuqqas li kien hemm fl-evidenza u kull difiża imqanqal mill-appellant mingħajr ma ħalliet barra ebda possbbilita' jew evenjenza li setgħat b'xi mod tiskolpah. Illi meqjusa għalhekk kull prova u nuqqas ta' prova li kien hemm fl-atti, l-Ewwel Qorti ġustament qieset illi dak dikjarat mix-xhud David Scicluna fl-istqarrijiet tiegħu, kif sussegwentement ikkonfermata bil-ġurament, kien attendibbli u kien jagħmel prova sħiħa u kompluta li tipponta lejn ir-reita' mingħajr dubbju dettat mir-raġuni.

Din l-Qorti, bħall-Ewwel Qorti qabilha, tinsab moralment konvinta li dak li David Scicluna stqarr fl-istqarrija ġuramentata tiegħu għandu mis-sewwa u hija dik il-verzjoni li għandha tittieħed in konsiderazzjoni. Għalhekk l-aggravju tal-appellant ma jistħoqqlux akkoljiment u qed jiġi miċħud.

**Ikkunsidrat:**

Illi, finalment fit-talba kontenuta fir-rikors tal-appell l-appellant jitlob ukoll varjazzjoni fil-piena erogata mill-Ewwel Qorti, mingħajr ma jressaq ebda aggravju fir-rigward, bil-Qorti, allura, trid tipprova tindovina x'kien il-motiv li wassal lill-appellant sabiex iħossu aggravat bil-*quantum* tal-piena erogata. Dan magħdud, madanakollu, fil-kors tas-smigħ ta' dan l-appell il-Qorti semgħet ix-xiehda ta' Nicoletta Farrugia, rappreżentant tal-*Caritas* kif ukoll tħejja rapport mill-Ufficjal tal-

*Probation* Maryanne Zammit fuq talba tal-appellant, u dan stante it-trapass taż-żmien minn meta kien kommess ir-reat.

Illi minn dan ir-rapport jidher illi l-appellant huwa persuna li ilu minn żmien l-addoloxxenza tiegħu jabbuża mid-droga. Dan wasslu biex jaqbad it-triq tal-kriminalità u dan kif tixhed il-fedina penali piuttost voluminuża tiegħu. Jidher illi matul is-snin huwa ngħata diversi opportunitajiet minn dawn il-qrati biex jirriforma ħajtu, kien megħjun minn diversi professjonisti, u anke kien attenda għal programmi ta' riabilitazzjoni mill-vizzju tad-droga. Kien saħansitra ngħata liċenzja tal-*Parole* matul xi perijodu li kien inkarċerat fuq każijiet oħra. Madanakollu din l-għajnuna ma ħallietx il-frott mixtieq, u l-appellant reġa beda jabbuża mid-droga u baqa' jgħix l-ħajja krimonġenika tant li l-liċenzja tal-*Parole* ġiet revokata. Mhux biss iżda tlett snin ilu kien ikkundannat piena ta' seba' snin u disgħa xhur priġunerija meta kien misjub ħati tal-kummissjoni ta' diversi serqiet li seħħew fuq medda ta' xahrejn fl-istess żmien, u li ħallew għadd ġmielu ta' vittmi. Illum l-appellant jinsab inkarċerat, kif ingħad, u qiegħed jattendi il-*Prisons Inmate Programme* fejn l-andament huwa wieħed pożittiv.

Illi minn din l-istampa li tagħti l-Uffiċjal tal-*Probation* tal-ħajja tal-appellant, jidher li għadu kmieni wisq biex din il-Qorti terġa' tagħtih affidament għaliex jidher li għad baqalu jaqdef ħafna iktar fit-triq tar-rijabilitazzjoni biex finalment jitbiegħed minn dan il-vizzju li ħakimlu ħajtu. Fuq kollox meta tiġi għal kalibrazzjoni tal-piena il-Qorti għandha tħares mhux biss l-interessi tal-ġudikabbli misjub ħati tal-kummissjoni tar-reat, iżda ukoll dawk tas-soċjeta sabiex kemm jista' jkun ma jkunx hemm ripetizzjoni ta' reati li jikkaġunaw ħsara lil diversi vittmi li ħafna drabi jibqgħu mingħajr ebda forma ta' kumpens.

Illi allura ġaladarba il-piena erogata mill-Ewwel Qorti ta' ħmistax-il xahar priġunerija hija waħda fil-parametri tal-liġi u tirrispekja in-natura ta' l-imputazzjonijiet li dwarhom l-appellant instab ħati fejn huwa pprova jdaħħal oġġett ipprojbit ġewwa il-Faċilita' Korrettiva konsistenti fi droga, din il-Qorti hija tal-fehma illi l-piena erogata

mill-Ewwel Qorti ma għandhiex tkun varjata. Għaldaqstant din it-talba ma jistħoqqilhiex akkoljiment.

**Għal dawn il-motivi, il-Qorti taqta' u tiddeċiedi billi tiċħad l-appell u tikkonferma is-sentenza appellata fl-intier tagħha.**

**Edwina Grima**
**Imħallef**